MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Numru 515/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Camilleri)**

**Vs**

**Hbib Mohammed Shedi Hamdi**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Hbib Mohammed Shedi Hamdi t'a 23 sena ta' nazzjonalita' Palestinjana iben Hbib u Fatima mwieled Hazza Medim Nasra fil-11 ta' April, 1986 residenti fiċ-ċentru tal-akkomodazzjoni f'Ta' Kandja. Detentur tan-numru tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni 09AN-014. Mingħajr dokument.

2. Akkużat talli fis-27 ta' Mejju, 2009 u fi żminijiet qabel, f'dawn il-Gżejjer, għall-ħabta tas-2.00 ta' wara nofs in-

nhar u ħinijiet ta’ wara kif ukoll ta’ qabel, meta kien detentut fl-Accommodation Centre Ta’ Kandja għamel tentattiv bil-ħsieb biex jikkommetti ħarba mill-post tal-kustodja, liema attentat ta’ ħarba kien bil-ħsieb li jsir kusr ta’ dan il-psot tal-kustoldja. Dan bi ksur tal-artikoli 41 u 152 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens tal-imputat u dak tal-Avukat Ġenerali li dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-fedina penali tal-imputat, u r-ritratti meħudin mill-Prosekuzzjoni u li jidhru mmarkati bħala d-dokument DD a fol 14.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

**Xhieda Prosekuzzjoni**

6. Skond il-Prosekutur l-impujtat ipprova jaħrab mionn Ta’ Kandja nhar is-27 ta’ Meju 2009 għall-ħabta tas-2.00 pm. Huwa tela’ mal-fence, għamel xi ħsarat stess biex ikun jista’ jaħrab mill-post ta’ kustodja. Il-Pulizija waqqfu t-tentattiv ta’ ħarba. .

7. PC 6 Duncan Demicoli kkonferma li kien ħa r-ritratti.

8. PC 1473 Simon Deguara xehed li kienu raw lill-imputat jimxi ‘l hawn u ‘l hemm u qagħdu attenti għalih. F’daqqa waħda l-imputat ta s-salt għal max-xibka. Daħlu jiġru għalih u ġibduh ‘l isfel. Il-Maġġur kellem lill-imputat li qal li kellu xi problema b’moħħu u li kien qed jieħu xi mediċina. Il-fence kien tgħawweġ għaliex l-imputat tela’ miegħu. X’ħin weħel mal-fence, il-fence niżel.

9. PC 1050 Simon Marshall ra r-ritratt immarkat 103. Huwa qal li dan kien il-fence min-naħa ta’ wara minn fejn kien qed jipprova jitla’ l-imputat. Ir-ritratt numru 102 juri l-

fence naqara baxx fejn kien qiegħed imqabbad l-imputat. Il-fence kien tbaxxa għaliex l-imputat kien iddendel miegħu. (fol 19).

10. PS 764 Herbert Gerada ra lill-imputat jagħti s-salt għal mal-fence. L-imputat teal' mal-fence u l-fence niżel bih. Ir-ritratt l-iżjed ċar huwa n-numru 103. Dan ir-ritratt juri z-zona minn fjn jixxabbat il-klandestin u fejn tbaxxa l-fence u niżel 'l isfel.

**Xhieda Difiża**

11. L-imputat qal li huwa kein vittma u mhux ħati. Huwa kien qed jilgħab il-futbol u xi ħadd li ma jistax għalih mar jagħmillu l-ħsara mal-Pulizija billi jgħid li kien qed jipprova jaħrab. Huwa nnega li qatt mar fejn il-ħadid kif jidher fir-ritratt. Fil-kontro-eżami huwa nnega li kein mioexi mal-fence.

12. Ittella' jixhed ukoll Abdul Hedi Buhagiar li qal li kien ġewwa u ma kien ra xejn.

13. Xehed Awudu Adam li qal li l-imputat kien qed jixxabbat mal-wire tal-fence. L-imputat ma kienx qed jilgħab il-futbol. L-imputata għamel tentattiv biex jaħrab.

4. Ittella' jixhedu koll Mustafa Bouhazelili qal li kien qed jilgħab il-futbol u li ma kien ra xejn. L-imputat kien qed jilgħab il-futbol ukoll iżda waqaf mil-logħob. (fol 39). Ix-xhud ma kienx jaf fejn mar l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Konsiderazzjonijiet ta' Fatt**

15. Mill-provijiriżulta li l-imputat miżmum fl-Accommodation Centre f'Ta' Kandja. Mill-provi miġjuba l-Qorti tqis ħafna aktar attendibbli dak li xehdu t-tliet xhieda tal-Prosekuzzjoni li stqarrew li raw lill-imputat jixxabbat mal-fence biex jaħrab mid-detention centre fejn qed jinżamm. Tassew li l-imputat innega dan, iżda meta l-Qorti għarblet ix-xhieda kollha jirriżulta mingħajr ebda

dubju li l-imputat ipprova jaħrab miċ-ċentru fejn qed jinżamm.

**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

16. Il-Prosekuzzjoni akkużat lill-imputat b'tentattivt ta' ħarba bi 'ksur' ta' dan il-post ta' kustodja. Dan il-kliem huwa dak li jidher fl-artikolu 152 tal-Kap 9 bin-nota marġinali 'Ħarba bi ksur'.

17. Il-Kelma 'priġunier' tfisser kull persuna miżmuma f'ħabs. (Ara artikolu 151).

18. Skond il-Kap 260 il-kelma

"ħabs" tfisser il-ħabs ta' Kordin u tinkludi kull post jew bini ieħor li hu dikjarat jew li jitqies li hu ħabs skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3;

19. Skond l-artikolu 3 tal-Kap 260 :

'Il-Ministru jista' b'ordni pubblikat fil-Gazzetta jiddikjara li jkun ħabs kull post jew bini jew parti minn bini.'

20. L-Iskeda fl-Avviż Legali 260.02 hija din:

1. .The Police Headquarters at Floriana. G.N. 166 of 1966.
2. The lock-up in the building housing the Law Courts at L.N. 71 of 1980.
Valletta.
3. The lock-up at Police General Headquarters at Floriana. L.N. 43 of 1987.
4. The lock-up at Paola Police Station. L.N. 24 of 1993.
5. St Michael Ward at St Luke's Hospital in Guardamangia. L.N. 50 of 1995.
6. The former Primary School at Mtahleb. L.N. 38 of 1997.
7. Ward 10 at Mount Carmel Hospital.

21. L-imputat ma jistax jingħad li kien qiegħed f'ħabs minħabba li l-Accommodation Centre ta' Ta' Kandja mhux

wieħed skedat fl-Avviż Legali u lanqas huwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin..

22. Iżda huwa jista' jitqies li għamel tentattiv ta' ħarba minn **post ta' kustodja** liema kelmiet mhumiex definiti fl-artikolu 152. Fil-fehma tal-Qorti ġaladarba mill-Accommodation Centre ta' Ta' Kandja wieħed ma jistax joħroġ meta jrid u l-post mhux desinjat bħala 'ħabs' mill-Ministru, allura jista' jitqies post ta' kustodja.

23. Il-kelma 'ksur' mhix definita u fit-test Ingliż tidher bħala 'breaching'. Il-kelma 'breaching', skond il-Macmillan English Dictionary tfisser:

'to get through something such as a wall or fence'. Jingħata l-eżempju:
'The sea had breached the town's flood defences.'[1]

24. Għall-kelma 'ksur' il-Professur Aquilina jagħti dawn it-tifsiriet:
'Breaking'; breakage. 'breakages.'

25. Il-Qorti qed tqis it-tlugħ mal-wire netting bħala eżerċizzju ta' 'breaching' minħabba li dan ċeda bil-piż tal-imputat u konsegwentement il-wire waqa'.

**Konklużjoni**

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat la-rftikolu 41(1)(a) u 152 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih.

27. Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat diġa' 42 jum fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u li huwa għandu fedina penali nadifa, li t-tentattiv ta' reat jista' jkun punit b'żewġ gradi anqas minn dawk prospettati fl-artikolu 152.

28. Għalhekk, wara li rat la-rtikolu 28A u 31 tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' 13-il xahar

[1] Macmillan English Dictionary for Advanced Learners 2006 page 161.

priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal 18-il xahar sakemm l-imputat ma jagħmilx xi reat ieħor matul dan il-perjodu..

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------